

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippublikati fil-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċċiali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

**►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/949
tad-19 ta' ġunju 2015**

li japprova l-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni mwettqa fuq ċertu ikel minn ċerti pajjiżi terzi għall-preżenza ta' ċerti mikotossini

(Test b'rilevanza għaż-ŻE)

(ĠU L 156, 20.6.2015, p. 2)

Emendat minn:

Ġurnal Ufficijali

	Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1269	L 183	9

tat-13 ta' Lulju 2017 14.7.2017

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/949
tad-19 ta' Ġunju 2015

li japprova l-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni mwettqa fuq ċertu ikel minn ċerti pajjiżi terzi għall-preżenza ta' ċerti mikotossini

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

L-approvazzjoni tal-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni

1. Il-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni mwettqa qabel l-esportazzjoni lejn l-Unjoni mill-Kummissjoni Kanadiża għall-Qamħ, bħala awtorità kompetenti, fir-rigward tal-okratossina A fil-qamħ u fid-dqiq tal-qamħ imniżżla fl-Anness I u prodotti fit-territorju tal-Kanada huma approvati.

2. Il-kontrolli li ġejjin ta' qabel l-esportazzjoni, mwettqa qabel l-esportazzjoni lejn l-Unjoni mid-Dipartiment tal-Agrikoltura tal-Istati Uniti (USDA), bħala awtorità kompetenti, huma approvati:

- il-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni fir-rigward tal-aflatossini fil-karawett imniżżla fl-Anness I u prodotti fuq it-territorju tal-Istati Uniti;
- il-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni fir-rigward tal-aflatossini fil-lewż imniżżla fl-Anness I u prodotti fit-territorju tal-Istati Uniti.

Artikolu 2

Id-dokumenti ta' akkumpanjament u l-identifikazzjoni tal-kunsinni

1. Kull kunsinna tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 għandha tkun akkumpanjata minn:

- rapport li jkun fih ir-riżultati tat-teħid ta' kampjuni u tal-analiżi mwettqa f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 401/2006⁽¹⁾, jew b'rekwiżiti ekwivalenti, minn laboratorju approvat għal dak il-għan mill-awtorità kompetenti;
- ċertifikat skont il-mudell stabbilit fl-Anness II, li jkun imtela, ġie vverifikat u ġie ffirmat minn rappreżentant tal-awtorità kompetenti; iċ-ċertifikat ikun validu għal erba' xhur mid-data tal-ħruġ.

2. Kull kunsinna ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 1 għandu jkollha kodiċi ta' identifikazzjoni li għandu jerġa' jitniżżel fuq ir-rapport u fuq iċ-ċertifikat, imsemmija fil-paragrafu 1. Kull basket individwali, jew forma oħra ta' imballaġġar, jew imballaġġar li jghaqqa diversi entitajiet individwali f'imballaġġ wieħed, tal-kunsinna għandu jiġi identifikat bl-istess kodiċi.

(¹) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 401/2006 tat-23 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi l-metodi tat-teħid ta' kampjuni u l-metodi ta' analiżi għall-kontroll uffiċċiali tal-livelli ta' mikotossini fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 70, 9.3.2006, p. 12).

▼B

Artikolu 3

Il-qsim tal-kunsinni

Jekk kunsinna tinqasam, il-kopji taċ-ċertifikat previsti fl-Artikolu 2(1)(b) u ċċertifikati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun seħħ il-qsim, għandhom jakkumpanjaw kull parti tal-kunsinna maqsuma sakemm tiġi rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera.

Artikolu 4

Il-kontrolli uffiċjali

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16(2) u tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, il-frekwenza tal-kontrolli fiżiċi mwettqa mill-Istati Membri fuq il-kunsinni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 u ppreżentati f'konformità mal-Artikolu 2 għandha titnaqqas għall-perċentwali massimu tal-ġħadd ta' kunsinni ppreżentati kif previst fl-Anness I.

Artikolu 5

It-thassir

Id-Deċiżjoni 2008/47/KE u r-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 844/2011 huma b'dan imħassra.

Ir-referenzi għad-Deċiżjoni u għar-Regolament ta' Implantazzjoni mħassra għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B*ANNESS I*

Il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 u l-frekwenza tal-kontrolli fiżiċi msemmija fl-Artikolu 4:

L-ikel	Il-kodiċi tan-NM (Nomenklatura Magħquda)	Is-sottodiviż- joni tat-TARIC (Tariffa Inte- grata tal- Komunità Ewropea)	Il-pajjiż tal-oriġini	Il-mikotossina	Il-frekwenza tal- kontrolli fiżiċi (%) waqt l-importazzjoni
— Qamħ	— 1001		Il-Kanada	Okratossina A	< 1
— Dqqiq tal-qamħ	— 1101 00				
▼M1					
▼B					
— Lewż, bil-qoxra	— 0802 11		L-Istati Uniti tal- Amerika	Aflatossini	< 1
— Lewż, bla qoxra	— 0802 12				

▼B*ANNESS II*

L-Unjoni Ewropea		Iċ-ċertifikat għall-UE	
Il-Parti I: Id-dettajji tal-kunsinna mifogħuta	I.1. Il-persuna responsabbli li twettaq il-kunsinna L-isem L-indirizz In-Nru tat-telefon:	I.2. In-Nru ta' referenza taċ-ċertifikat I.3. L-awtorità kompetenti ċentrali I.4. L-awtorità kompetenti lokali	I.2.a
	I.5. Id-destinatarju L-isem L-indirizz Il-kodiċi postali In-Nru tat-telefon	I.6. Il-persuna responsabbli mill-kunsinna fl-UE L-isem L-indirizz Il-kodiċi postali In-Nru tat-telefon	
	I.7. Il-pajjiż tal-oriġini Il-kodiċi ISO (Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni) I.8.	I.9. Il-pajjiż tad-destinazzjoni Il-kodiċi ISO I.10.	
	I.11. Il-post tal-oriġini L-isem In-numru tal-approvazzjoni L-indirizz	I.12.	
	I.13. Il-post tat-tagħbija	I.14. Id-data tat-tluuq	
	I.15. Il-mezz tat-trasport Ajruplan <input type="checkbox"/> Vapur <input type="checkbox"/> Vagun tal-ferrovija <input type="checkbox"/> Vettura tat-triq <input type="checkbox"/> Oħrajan <input type="checkbox"/> L-identifikazzjoni: Ir-referenzi tad-dokument:	I.16. Il-punt ta' importazzjoni fl-UE I.17.	
	I.18. Deskriżjoni tal-prodott bażiku Ambjentali <input type="checkbox"/> Imkessħin <input type="checkbox"/> Iffriżati <input type="checkbox"/>	I.19. Il-kodiċi tal-prodott bażiku (il-kodiċi tas-SA (Sistema Armonizzata))	I.20. Il-kwantità
	I.21. It-temperatura tal-prodotti Ambjentali <input type="checkbox"/> Imkessħin <input type="checkbox"/> Iffriżati <input type="checkbox"/>	I.22. Għadd ta' pakketti	
	I.23. L-identifikazzjoni tal-kontenituri/in-numru tas-siġill	I.24. It-tip ta' imballaġġar	
	I.25. Prodotti bażiċi ċċertifikati għal: Konsum mill-bniedem <input type="checkbox"/> Ikel għall-annimali <input type="checkbox"/> Proċess ulterjuri <input type="checkbox"/>		
I.26.	I.27. Għall-importazzjoni fl-UE <input type="checkbox"/>		

▼B

I.28. L-identifikazzjoni tal-prodotti bażiċi

In-numru tal-lott

It-tip ta' trattament

▼B

IL-PAJJIŻ	IL-KONTROLL TA' QABEL L-ESPORTAZZJONI	
II-Parti III: Ic-certifikazzjoni	II. It-tagħrif dwar is-saħħha	II.a. In-Nru ta' referenza taċ-ċertifikat
	<p>F'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/949 li japprova l-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni mwettqa minn fuq fir-rigward tal-preżenza ta' , jiena li ffirmajt hawn taħt, rappreżentant awtorizzat tal-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2015/949 niċċertifika li l-prodotti bażiċi deskritti fil-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat ġew prodotti, imqassma, imċaqaqha, ipproċċessati, imballaġġati u ttrasportati skont il-prassi ta' iż-żejt tajba u ġew soġġetti għal kontroll ta' qabel l-esportazzjoni, kif approvat bir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2015/949 u niżgura li l-prodotti bażiċi koperti b'dan iċ-ċertifikat se jiġu ttrasportati lejn l-Unjoni Ewropea f'kontenit, li jkun konformi mal-prassi ta' iż-żejt tajba.</p> <p>Minn din il-kunsinna tieħdu kampjuni għall-analiżi ta' nhar (id-data), u ġew soġġetti għall-analiżi fil-laboratorju nhar (id-data) fi (isem il-laboratorju), u d-dettalji tat-teħid ta' kampjuni, il-metodi ta' analiżi użati u r-riżultati kollha huma meħmuża.</p>	
Noti Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal erba' xħur wara l-ħruġ. II-Parti I: <ul style="list-style-type: none"> — Il-kaxxa bin-numru ta' referenza I.11: <i>In-numru tal-approvazzjoni</i>: jekk jaapplika biss. — Il-kaxxa bin-numru ta' referenza I.19: Uża l-kodiċi rilevanti tas-SA tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali (WTO) jew il-kodiċi tan-NM. — Il-kaxxa bin-numru ta' referenza I.20: Indika l-piż totali. — Il-kaxxa bin-numru ta' referenza I.25: Proċess ulterjuri jfisser "soġġett għal tqassim jew għal trattament fiżiku ieħor qabel il-konsum mill-bniedem". 		
L-ispettur uffiċċiali L-isem (b'ittri kapitali): Il-kwalifika u t-titolu: Id-data: Il-firma: It-timbru: 		